MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 910/2003/1

**Edward John Fuchs**

**v.**

**Marianne Fuchs nee Micallef**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell mis-sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, tas-27 ta' April 2006 fejn l-attur talab l-annullament taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta fuq il-bazi li fid-data taz-zwieg taghhom il-konvenuta kienet ghada marbuta bi zwieg iehor.

**2.** Il-fatti inkontestati li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fit-8 ta' Settembru 1964, il-konvenuta izzewget f'Malta lil Joseph Camilleri.

2. Fil-11 ta' Ottubru 1977 il-konvenuta izzewget lill-attur fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

3. Fis-6 ta' Frar 1978, gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-konvenuta u Joseph Camilleri.

4. Fit-2 ta' April 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili - iddikjarat li z-zwieg tal-konvenuta ma' Joseph Camilleri kien null u bla effett ghax il-kunsens ta' l-attrici – konvenuta f'din il-kawza – kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Ic-citazzjoni li ppromwoviet dik il-kawza giet ipprezenata fit-30 ta' Gunju 1999.

5. Fl-4 ta' Settembru 2003, l-attur fetah din il-kawza sabiex jiddikjara z-zwieg tieghu mal-konvenuta null u bla effett.

## Talbiet u eccezzjonijiet

**3.** Fic-citazzjoni tieghu, l-attur talab lill-ewwel Qorti li:
1) Tiddikjara illi z-zwieg bejn Marianne Micallef u Edward John Fuchs li kien kontrattat l-Amerika fil-11 ta' Ottubru, 1977 huwa null u bla effett skond il-ligi.

**4.** Il-konvenuta eccepiet[1]:

[1] Ara fol. 22.

1. Illi t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi z-zwieg li gie kkontrattat mill-eccipjenti u Joseph Camilleri fit-8 ta’ Settembru 1964 gie dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi permezz ta’ sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta’ Ottubru 2001 liema sentenza ghandha effett retroattiv. Konsegwentement ghandu jigi meqjus bhal li kieku z-zwieg tat-8 ta’ Settembru 1964 qatt ma sehh u li ghalhekk, fil-mument li gie kuntratt z-zwieg ma’ l-attur, l-eccipjenti ghandha titqies bhala persuna mhux mizzewga.

2. Illi l-attur kien konxju tas-sitwazzjoni personali ta’ l-eccipjenti kemm qabel z-zwieg tieghu maghha kif ukoll wara. Sahansitra kien dejjem jirreferi lill-eccipjenti bhala martu minghajr esitazzjoni u baqa’ jaghmel hekk sakemm sab namrata ohra u minn hemm bdew il-problemi.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**5.** Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddisponiet mill-vertenza b’sentenza tas-27 ta’ April 2006, li fiha laqghet it-talba attrici u ddikjarat null u bla effett fil-ligi z-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fl-Amerika fil-11 ta’ Ottubru 1977, bl-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti ugwali. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika fil-11 ta’ Ottubru 1977 huwa null fil-ligi fit-termini ta’ l-Artikolu 6 tal-Kap. 255.

“Il-fatti mhux kontestati huma s-segwenti. Fit-8 ta’ Settembru 1964 il-konvenuta zzewwget f’ Malta lil Joseph Camilleri, u fil-11 ta’ Ottubru 1977 izzewwget lill-attur fl-Istati Uniti. Fis-6 ta’ Frar 1978 il-konvenuta sseparat *de jure* minn ma l-imsemmi Joseph Camilleri, u z-zwieg taghha ma’ dan gie dikjarat null b’sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-2 ta’ April 2001.

“It-tesi ta’ l-attur hija fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, kuntrattat fil-11 ta’ Ottubru 1977, u ghalhekk

qabel ma’ l-konvenuta kienet isseparat legalment minn ma’ Joseph Camilleri u qabel ma’ dan iz-zwieg kien gie dikjarat formalment null mill-Qorti, iz-zwieg tieghu huwa null fit-termini ta’ l-Artikolu 6 stante li, fiz-zmien tal-kuntrattazzjoni tieghu, il-konvenuta kienet ghadha legalment mizzewwga ma’ Joseph Camilleri, apparti mill-fatt li lanqas kienet ghadha formalment separata minnu.

“Il-konvenuta minn naha taghha qeda topponi ghat-tesi attrici principalment billi triniciera ruhha mal-prinicpju *quod nullum est nullum effectum producit*, u ghalhekk la darba z-zwieg ma’ Joseph Camilleri gie dikjarat null allura in applikazzjoni ta’ dan il-principju dan iz-zwieg ghandu jitqies bhala li qatt ma ezista ghall-finijiet u effetti tal-ligi. Fi kliem iehor id-dikjarazzjoni gudizzjara ta’ nullita` ghandha l-effett retroattiv li thassar l-effetti taz-zwieg taghha ma’ Joseph Camilleri *ab inizio* cioe` mit-8 ta’ Settembru 1964. Konsegwnezjalment, ma jistax jitqies li fiz-zmien li hi zzewwget lill-attur fil-11 ta’ Ottubru 1977 kien hemm zwieg validu fil-ligi. Ghaldaqstant it-talba attrici bazata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 6 ma tistax treggi. Il-konvenuta teccepixxi wkoll illi fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u anke qabel, l-attur kien konxju tas-sitwazzjoni personali taghha u ghalhekk jonqos l-element tal-bona fede da parti tieghu.

“Il-Qorti ezaminat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet studjati tal-partijiet, u hija tal-fehma li v-vertenza in disamina fil-komplessita` taghha tirrivolvi dwar l-Artikoli 18, 6 u 20 tal-Kap. 255.

“Ir-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna timpernja fuq il-punt jekk fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg ma’ l-attur il-konvenuta kienetx marbuta bi zwieg legalment validu ma’ l-imsemmi Joseph Camilleri, jew ahjar, jekk l-effetti taz-zwieg taghha ma’ Joseph Camilleri ta’ zwieg validu ghandhomx jitqiesu bhala li kienu ghadhom vigenti fiz-zmien li kkuntrattat iz-zwieg ma’ l-attur, fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ dan iz-zwieg fit-2 ta’ Ottubru 2001. Kif ukoll jekk il-konjugi Camilleri jew xi wiehed minnhom kienux in bona fede fil-mument tal-ghoti tal-

kunsens matrimonjali taghhom ghaz-zwieg kuntrattat fit-8 ta’ Settembru 1964.

“Illi l-Artikolu 6 jiddisponi b’ mod car li “Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel ikun null.” Fuq livell generali japplika l-principju vantat mill-konvenuta li *quod nullum est nullum effectum producit*. Izda l-Att XXXVII tas-sena 1975, l-Att Dwar iz-Zwieg, hija ligi specjali intiza biex tirregola l-istitut taz-zwieg li huwa ta’ ordni pubbliku u li l-validita` tieghu hija bazata wkoll fuq esigenzi socjali. Ghalhekk il-legislatur ried li dan il-kuntratt, f’certi aspetti importanti tieghu, ma jkunx regolat bil-principji generali tal-ligi, izda jkun regolat b’ligi *ad hoc*, li f’partijiet minnha tidderoga mill-principji generali f’materja ta’ kuntratti.

“Illi l-Artikolu 20 huwa proprju wiehed minn dawn l-Artikoli li jirregola l-effetti ta’ nullita` ta’ zwieg, tenut kont ta’ l-esigenzi socjali, l-interessi ta’ l-ulied u anke dawk tal-parti li tkun in bona fede. Dan l-Artikolu 20 fl-ewwel sub inciz tieghu jghid testwalment hekk:

“Jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti ta’ zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu, favur il-mizzewgin sakemm is-sentenza ta’ nullita` tkun saret *res judicata* meta l-mizzewgin ikunu izzewwgu in bona fide.”

“Minn ezami ta’ dan l-artikolu anke fit-totalita` tieghu ghandu jirrizulta car li l-ligi tikkontempla s-stiwazzjoni fejn, nonostante li z-zwieg jigi dikjarat null, xorta wahda l-effetti tieghu ta’ zwieg validu huma meqjusa bhala li kienu u baqghu jezistu sad-data tad-dikjarazzjoni ta’ nullita`, u dan dejjem fil-kaz ta’ l-ulied koncepiti jew rikonoxxuti matul iz-zwieg, kif ukoll fil-kaz ta’ bona fede da parti taz-zewg konjugi jew ta’ wiehed minnhom.

“Fis-sub inciz [1] fuq citat il-ligi tiddisponi li fil-kaz li z-zewg konjugi jkunu in bona fede, <u>l-effetti ta’ zwieg validu ghandhom jitqiesu bhala li kienu jezistu</u>, favur il-mizzewwgin, sakemm is-sentenza ta’ nullita` tkun ghaddiet in gudikat. Hawnhekk il-ligi riedet tipproteggi lill-konjugi li jkunu in buona fede. Dan johrog izjed manifest

fis-sub incizi [3] u [4], fejn il-validita` ta' l-effetti taz-zwieg validu hija limitata ghal konjugi li jkun jew tkun in bona fede, filwaqt li fir-raba' sub inciz teskludihom kompletament vis-à-vis iz-zewg konjugi jekk dawn ikunu in mala fede fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg. Jigi osservat li fil-kaz ta l-ulied li twieldu, jew li kienu gew rikonoxxuti, waqt iz-zwieg huwa logikament stipulat li, l-effetti ta' zwieg validu jitqiesu li "dejjem kienu jezistu" irrispettivament mill-bona fede u mala fede tal-konjugi genituri taghhom.

"Mill-premess jirrizulta car li fil-kaz ta' l-istitut taz-zwieg il-ligi riedet tiddepartixxi mill-principju generali li dak li huwa dikjarat null ma jistax jipproduci effetti legali. Tant li fil-kaz ta' l-ulied, u fil-kaz tal-konjugi in bona fede, hija estendiet l-effetti ta' zwieg validu sad-data tad-dikjarrazzjoni ta' nullita` ta' dak iz-zwieg.

"Illi ghalhekk fil-kaz in disamina l-fattur tal-bona fede o meno da parti tal-konjugi Camilleri, u senjatament tal-konvenuta, jassumi importanza determinanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza in disamina; ghax jekk jirrizulta li dawn kienu in bona fede fiz-zmien tal-kontrattazzjoni taz-zwieg taghhom, allura l-effetti ta' dan iz-zwieg bhala zwieg validu sa qabel id-dikjarazzjoni tan-nullita` "ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" favur tieghu, u ghalhekk iz-zwieg tal-konvenuta ma' l-attur ma setghax jigi kkuntrattat fit-termini ta' l-Artikolu 6. Huwa palesi li jinghad li wiehed mill-effetti ta' zwieg validu hija l-obbligazzjoni ta' l-esklussivita` tieghu u cioe` li zwieg jigi kuntrattat ma' persuna wahda ad eskluzjoni ta' terzi. Di fatti jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg huma bazati fuq unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva diretta lejn il-konvivenza ta' hajja komuni, il-prokreazzjoni ta l-ulied u t-trobbija ta' l-istess.

"Konformament mal-premess, l-Artikolu 6, li jeskludi zwieg validu meta wahda mill-partijiet tkun diga' legalment mizzewwga, huwa applikazzjoni ta' din l-obbligazzjoni li, kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, hija wahda mill-effetti essenzjali taz-zwieg. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA[RCP] Renato Galea vs Sharon Galea deciza fis-6 ta'*

*Marzu 2003*, li, ghalkemm fil-ligi taghna mkien ma hemmx elenkati l-elementi essenzjali tal-hajja matrimonjali, izda huwa prinicpju rikonoxxut fis-socjeta` Maltija li z-zwieg kif koncepit minnha ghandu bhala bazi tieghu l-element ta' l-esklussivita` li timporta "dik il-fedelta` reciproka li l-jaghtu u jweghdu lil xulxin [*bonum fidei*]. Ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens taghha qeda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni". Fil-kawza *PA[NA] Nathalie O'Toole vs Patrick O' Toole deciza fil-25 ta' Marzu 2002* u citata b' approvazzjoni fil-kawza *PA[RCP] Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi* deciza fl-1 ta' Ottubru 2002 din il-Qorti fuq l-istess linja osservat li " … il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ottika oggettiva tal-ligi, izda irid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe` li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd."

"Ghalhekk, stabbilit li l-validita` taz-zwieg li jkun gie dikjarat null tista' testendi f' certu cirkostanzi sad-dikjarazzjoni defenittiva tan-nullita`, u li l-fattur tal-bona fede u determinanti f'dan ir-rigward, il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina dan il-fattur fid-dawl tal-provi akkwiziti.

"Illi mill-provi u senjatament mis-sentenza esebita jirrizulta li z-zwieg bejn il-konjugi Camilleri kien gie dikjarat null in bazi ghal *caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255. Jigi osservat li ghalkemm din ir-raguni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg gie attribwit kollu lill-konvenuta, allura attrici, minn imkien ma jirrizulta li fil-kontrattazzjonji ta' dan iz-zwieg l-konjugi Camilleri, jew il-konvenuta, kienu in mala fede, u in mankanza ta' provi li juru l-esitenza ta' dan il-fattur, hija lecita l-presunzjoni favur il-bona fede fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Fi kliem iehor ma rrizultax li f'dak il-mument dawn, jew il-konvenuta, kienu konxji li z-zwieg taghhom, li minnu twieldu zewgt it-tfal, kien ser jigi dikjara null. Konsegwenzjalment, nonostante d-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg tal-konjugi Camilleri, l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu

favur taghhom mid-data tal-kontrattazzjoni tieghu fit-8 ta' Settembru 1964; bir-rizultat li fil-11 ta' Ottubru 1977 meta l-konvenuta kkuntrattat iz-zwieg ma' l-attur hija kienet impeduta, taht il-ligi Maltija, milli taghmel dan minhabba li f'dak iz-zmien kienu ghadhom jitqiesu bhala vigenti l-effetti taz-zwieg taghha ma' Joseph Camilleri.

"Izda f'dan l-istadju ghandu jigi ezaminat id-dispost ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 255 u senjatament il-paragrafu [b] li jistipula, inter alia, li zwieg celebrat barra minn Malta jitqies bhala validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi jekk [a] ikunu gew osservati r-rekwiziti formali ghall-validita` tieghu skond il-ligi tal-pajjiz fejn ikun sar iz-zwieg; u [b] jekk il-partijiet ikunu meqjusin bhala kapaci li jizzewgu skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju rispettiv taghhom. Fil-kaz in ezami dan jirrikjedi ezami biex jigi stabbilit [1] id-domicilju tal-konvenuta fil-mument tal-kontrattazzjoni; u [2] jekk skond il-ligi ta' dak il-pajjiz hija kenitx kapaci li tikkuntratta zwieg, meta kienet ghadha legalment mizzewwga ma' Joseph Camilleri.

"In propositu l-Qorti thoss illi filwaqt li ma hemm xejn jindika li z-zwieg kuntratt ma' l-attur huwa nieqes minn xi rekwizit formali ghall-validita` tieghu taht il-ligi Statunitensi, il-kwesit dwar id-domicilju jirrikjedi ezami aktar approfondit, ghax kif gie ritentu fil-kaz *PA[JCC] Joseph Mifsud Bonnici vs Av.Dr.George Degaetano [1959][Vol.XLIII.II.813],* mhux bizzejjed li wiehed ikun siefer, anke flimkien mal-familja tieghu, biex jista' jinghad li hu biddel id-domicilju tieghu; billi hu maghruf illi mhux il-qaghad twil f'pajjiz barrani, ghal motivi ta' kummerc jew xoghol, anke jekk ikun ha mieghu l-familja, imma jehtieg li jirrizulta bi provi precizi u konkludenti li hu ma ghandu ebda intenzjoni li jirritorna. Jekk mbaghad huwa jkun siefer bhala emigrant, ghandu jitqies li siefer bl-intenzjoni li jibqa' fil-pajjiz fejn emigra.

"Mill-provi akkwiziti f'dan il-kaz jirrizulta li, ghalkemm il-konvenuta kienet siefret lejn l-Amerika bl-intenzjoni li tghix hemmhekk ma' l-attur u fejn ukoll izzewwget, ma jirrizultax li dina kellha l-intenzjoni li tibqa' l-Amerika ghal dejjem. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li t-tfal halliethom Malta. Di fatti

jirrizulta li susseggwentement, fis-sena 1978 hija kienet regghet irritornat Malta u damet tghix hawnhekk snin twal. Ghalhekk il-provi jeskludu l-intenzjoni da parti tal-konvenuta li din tabbanduna d-domicilju taghha f'Malta, u tistabilixxi d-domicilju taghha fl-Amerika; u konsegwentment ghall-finijiet ta' l-artikolu 18[b] tal-Kap.255 hija meqjusa bhala li ghandha d-domicilju taghha f'Malta, u ghalhekk tapplika fil-konfront taghha l-ligi Maltija ghal dak li jirrigwarda l-kapacita` taghha li tikkuntratta zwieg.

"Illi kif fuq spjegat il-ligi Maltija fl-Artikolu 6 tal-Kap. precitat tikkunsidera null fil-ligi zwieg kuntratt bejn zewg persuni meta wiehed mill-konjugi jkun marbut fi zwieg validu. F'dan il-kaz il-konvenuta fiz-zmien tal-kontrattazzjoni taz-zwieg ma' l-attur kienet legalment impeduta milli tikkuntratta zwieg stante li f' dak iz-zmien kien ghad hemm vigenti l-effetti ta' zwieg validu bejnha u bejn l-imsemmi Joseph Camilleri, u per konsegwenza kienet inkapaci li tikkuntratta z-zwieg celebrat fl-Amerika ma' l-attur fil-11 ta' Ottubru 1977 li allura in vista ta' l-ezistenza ta' din l-inkapacita` legali da parti tal-konvenuta dan iz-zwieg ghandu jitqies bhala null u bla effett fit-termini ta' l-Artikolu precitat.

"Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi milqugha; izda tenut kont tal-komplessita` tal-kaz in vista tal-punti legali involuti, tikkonsidera opportun temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fl-Amerika fil-11 ta' Ottubru 1977; l-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti ugwali."

## <u>L-appell tal-konvenuta</u>

**6.** Minn din is-sentenza appellat il-konvenuta Marianne Fuchs nee Micallef. L-aggravji taghha jistghu jigu konvenjentement sintetizzati b'dan il-mod:

(1) Li l-Artikolu 6 ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) ma ghandux japplika fejn iz-zwieg precedenti jkun gie dikjarat null, stante li ladarba l-ewwel zwieg kien null dan ma kellu l-ebda effett, u ma kienx ta' ostakolu ghat-tieni zwieg li kien u jibqa' wiehed validu. L-appellanti tissottometti li dan l-Artikolu 6 ma jaghmel l-ebda kwalifika ohra kif jaghmel per ezempju l-Kodici Kanoniku (Kanone 1085(2)[2]). Ghalhekk skond l-appellanti l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 6 ghandha ssir b'riferenza ghall-gurisprudenza ta' l-awturi Taljani ghall-Artikolu 56 tal-Kodici Civili Taljan, kif kien jissussisti mitt sena ilu, liema artikolu kien vicin hafna t-test ta' l-Artikolu 6.

(2) Li interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 20(1) tal-Kap 255 m'ghandhiex twassal ghall-konkluzjoni li d-dikjarazzjoni gudizzjarja ta' nullità ta' zwieg ma jkollhiex effett retroattiv, u dan stante li skond l-appellanti l-Artikolu 20 ma jolqotx il-kapacità personali tal-parti, u konsegwentement m'ghandux jigi applikat fil-kaz odjern.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk japplika l-Artikolu 20 tal-Kap. 255, fil-kaz odjern m'ghandux ikun hemm effett retroattiv tas-sentenza tan-nullità taz-zwieg, u dan stante li l-appellanti tallega illi hija ma kenitx in buona fede meta kkuntrattat iz-zwieg taghha ma' Joseph Camilleri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel u t-tieni aggravji huma intimament konnessi u ghalhekk ghandhom jigu ttrattati flimkien. L-appellanti tilmenta li l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, li gie applikat mill-ewwel Qorti, huwa rrilevanti ghal fini tar-risoluzzjoni tal-kawza oderna, stante li dan l-Artikolu ma jolqotx il-kapacita personali tal-partijiet jew xi wahda minnhom.

**8.** Jibda biex jinghad illi l-Artikolu 18 ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) jipprovdi hekk:

---

[2] K. 1085(2): **"Quamvis prius matrimonium sit irritum aut solutum qualibet ex causa, non ideo licet aliud contrahere, antequam de prioris nullitate aut solutione legitime et certo constiterit."**

"Zwieg, sew jekk isir f'Malta sew jekk isir barra minn Malta, ikun validu ghall-finijiet kollha tal-ligi f'Malta jekk -
(a) dwar il-formalitajiet tieghu, ikunu tharsu l-formalitajiet mehtiega ghall-validità tieghu skond il-ligi tal-pajjiz fejn ikun sar iz-zwieg; u
(b) dwar il-kapacità tal-partijiet, kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu tkun kapaci li tizzewweg skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju rispettiv taghha."

Issa fil-kawza odjerna, l-attur appellat qed jallega li meta hu zzewweg lill-appellanti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-1977, l-appellanti ma kellhiex il-kapacità li tizzewweg skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju taghha – cioè Malta – stante li hi kienet ghada legalment marbuta bi zwieg ma' Joseph Camilleri u l-Artikolu 6 tal-Kap. 255 jippreskrivi illi

"Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel ikun null." [3]

Ma hemmx kontestazzjoni li fil-mument taz-zwieg taghha ma' l-attur appellat, l-appellanti kellha domicilju Malti, u dan jirrizulta anki mill-provi, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti. Naturalment, il-kapacità ta' kull parti fiz-zwieg, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 18, trid tigi determinata skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju taghha fid-data li fiha jigi kkuntrattat iz-zwieg. Ghalhekk fil-kaz odjern wiehed irid jezamina il-kapacità o meno tal-konvenuta appellanti li tikkuntratta z-zwieg ma' l-appellat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg kif kien vigenti fil-11 ta' Ottubru 1977 – id-data taz-zwieg li qieghed jigi impunjat. L-Artikoli 6 (li essenzjalment jipprojbixxi l-bigamija) u l-Artikolu 18 innifsu (li jikkontjeni disposizzjonijiet dwar konflitt ta' ligijiet) ma gewx emendati minn meta gew promulgati bl-Att XXXVII ta' l-1975 sal-lum.

L-ewwel Qorti ddecidiet il-vertenza a bazi tad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 20(1) tal-Kap. 255, li jittratta dwar zwieg putattiv, u li jippreskrivi li:

[3] Kif osservat aktar 'l quddiem f'dan il-gudikat, kemm l-Artikolu 6 kif ukoll l-Artikolu 18 ghadhom kif kienu metra giet fis-sehh il-ligi – illum il-Kap. 255 – fl-1975.

"Jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu, favur il-mizzewgin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* meta l-mizzewgin ikunu izzewwgu *in bona fide*."

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li mill-provi ma rrizultax li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens taz-zwieg bejn il-konvenuta appellanti u Joseph Camilleri fit-8 ta' Settembru 1964, xi parti minnhom kienet konxja li z-zwieg taghhom kien ser jigi dikjarat null, fi kliem iehor li xi hadd mill-partijiet ma kienx in buona fede. Konsegwentement a bazi ta' l-Artikolu 20(1), fuq citat, l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li minkejja li dan iz-zwieg tal-konjugi Camilleri gie annullat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2001, l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur taghhom mid-data tal-kontrattazzjoni tieghu fit-8 ta' Settembru 1964, bir-rizultat li fil-11 ta' Ottubru 1977 meta l-konvenuta appellanti kkuntrattat iz-zwieg ma' l-attur hija kienet impeduta taht il-ligi Maltija milli taghmel dan minhabba li f'dak iz-zmien kienu ghadhom jitqiesu bhala vigenti l-effetti taz-zwieg taghha ma' Joseph Camilleri.

**9.** Bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-ragunament. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 kif inhu llum gie introdott bl-emendi li saru ghall-Kap. 255 bl-Att XXXIV ta' l-1981, u qatt ma gie sussegwentement emendat. Qabel dawn l-emendi, l-Att dwar iz-Zwieg ma kellu l-ebda disposizzjoni dwar il-kuncett ta' zwieg putattiv. Konsegwentement id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 20, kif introdott bl-emendi ta' l-1981 u kif ghadu vigenti sallum, ma jistax jigi applikat ghall-fini tar-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna, billi ma kienx jifforma parti mil-ligi Maltija fil-11 ta' Ottubru 1977 – id-data li fiha gie kkuntrattat iz-zwieg li issa qed jigi impunjat.

**10.** Fi kwalunkwe kaz, id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Artikolu 20 tal-Kap. 255 huma rrilevanti ghall-kwistjoni odjerna. Ir-rekwiziti ta' kapacità ta' parti li tikkontratta zwieg ma jistghux jiddependu mill-buona jew mala fede ta' dik il-parti jew il-parti l-ohra fil-mument tal-kontrattazzjoni

ta' l-ewwel zwieg. Jekk wiehed isegwi r-ragunament ta' l-ewwel Qorti, kieku ghall-grazzja ta' l-argument – u dan qed jinghad ghall-grazzja ta' l-argument biss – kellu jigi ritenut li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta appellanti ma kenitx in buona fede meta kkuntrattat iz-zwieg taghha ma' Joseph Camilleri fl-1964, dan ikun ifisser li d-dikjarazzjoni gudizzjarja tan-nullita□ ta' dak iz-zwieg kien ikollha effett retroattiv, u konsegwentement iz-zwieg bejn il-kontendenti f'din il-kawza kien ikun wiehed validu, kif *del resto* qed tissottometti l-appellanti fit-tielet aggravju taghha.

**11.** Il-kapacita□ ta' parti li tikkuntratta zwieg hija kwistjoni ta' analizi oggettiva ta' fatti determinati fid-dawl tal-ligi vigenti, u ma tiddependix mill-intenzjonijiet, allura necessarjament soggettivi, tal-partijiet. Tenut kont ta' l-ispirtu tal-Kap. 255, ta' l-elementi essenzjali taz-zwieg fih koncepiti, kif ukoll tan-natura stess taz-zwieg innifsu bhala materja ta' ordni pubblika, wiehed ghandu neccessarjament jikkonkludi li ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur li tinholoq sitwazzjoni fejn il-kapacita□ ta' parti li tikkuntratta zwieg meta l-ewwel zwieg taghha jkun ghadu ma giex annullat gudizzjarjament, tigi maghmula tiddependi fuq jekk dik il-parti kenitx in buona jew in mala fede meta kkuntrattat l-ewwel zwieg.

**12.** Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti li l-Artikolu 20 dwar l-effetti ta' zwieg putattiv, adoperat mill-ewwel Qorti, huwa rrilevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna. Mill-banda l-ohra, pero□, dan ma jfissirx li din il-Qorti taqbel mat-tezi ta' l-appellanti dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 6 tal-Kap. 255 u cioe□ li – dejjem skond l-appellanti – ladarba l-ewwel zwieg taghha gie dikjarat null, din id-dikjarazzjoni ghandha effett retroattiv u konsegwentement it-tieni zwieg taghha huwa validu.

L-Artikolu 6 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi: "Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel ikun null." Kif sewwa rrilevat l-

appellanti, dana l-artikolu huwa simili hafna ghat-test tal-Kodici Civili Taljan ta’ l-1865 (maghruf ukoll bhala *Codice Pisanelli*) fejn l-Artikolu 56 kien jiddisponi illi *“Non può contrarre altre nozze chi è vincolato da un matrimonio precedente.”* U l-Qorti zzid tghid illi it-test jixbah ukoll l-Artikolu 147 tal-Kodici Civili Franciz (ta’ l-1804) li kien jipprovdi illi *“On ne peut contracter un second mariage avant la dissolution du premier.”* [4]

**13.** L-appellanti imbaghad tghaddi biex tikkwota minn diversi awturi Taljani u Francizi, fosthom Ricci, Laurent, Demolombe u Torrente li jghallmu li minkejja din il-projbizzjoni fil-Kodicijiet Taljani u Francizi rispettivament, it-tieni zwieg xorta jkun validu jekk kemm-il darba xi hadd mill-partijiet jottjeni l-annullament ta’ l-ewwel zwieg. Dak li tonqos li tghid l-appellanti huwa li kemm il-Kodici Civili Taljan kif ukoll dak Franciz kellhom disposizzjonijiet ohra li ma gewx rispekkjati fl-Att dwar iz-Zwieg. Hekk, per ezempju, fil-Kodici Taljan tal-1865 l-Artikolu 113 kien jipprovdi s-segwenti: *“Il coniuge può in qualunque tempo impugnare il matrimonio dell’altro coniuge: se viene opposta la nullità del primo matrimonio, tale opposizione dovra essere preventivamente giudicata.”* L-istess disposizzjoni kienet tinsab ukoll fis-sustanza fl-Artikolu 189 tal-Kodici Civili Franciz[5]. Ghalhekk hemm distinzjoni notevoli bejn dak li jipprovdi l-Kap. 255 u d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili Franciz u ta’ dak Taljan. Filwaqt li l-ligi taghna tikkontempla biss il-projbizzjoni li persuna marbuta bi zwieg (minghajr ebda kwalifiki) terga’ tikkuntratta zwieg iehor, dawn iz-zewg kodicijiet kienu jikkontjenu mhux biss din il-projbizzjoni, izda kienu <u>espressament</u> jippermettu li parti fit-tieni zwieg teccepixxi in-nullità ta’ l-ewwel zwieg, u din l-eccezzjoni riedet tigi tassattivament deciza l-ewwel, u jekk l-ezitu jkun pozittiv, il-validità tat-tieni zwieg tigi salvata.

---

[4] Ara, fost ohrajn, **Baudry-Lacantinerie**: **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** Vol. III pag. 188 para 1550

[5] Ara Cachard, H., **The French Civil Code, with the various amendments thereto, as in force on March 15, 1895**, Stevens & Sons Limited (London), 1895, p. 54: **“189: If the newly-married persons claim that the first marriage is void, the validity or annulment of that marriage must first be decided upon.”**

Hekk per ezempju jekk wiehed jara t-test kollu ta' **Laurent**[6] f'paragrafu 362 f'pagna 369 jghid hekk: *"Se il primo matrimonio è nullo, colui che ha il diritto di chiederne la nullità può contrarre matrimonio avanti che l'annullamento sia pronunziato? No, certo. Poiché il matrimonio nullo esiste e produce i suoi effetti sino a che sia stato annullato; ora uno di questi effetti è d'impedire una nuova unione. Se il nuovo matrimonio fosse nondimeno contratto, sarebbe valido, nel caso in cui gli sposi ottenessero l'annullamento del primo (art. 189)."*

Hekk ukoll **Ricci**[7] jghid hekk fil-konfront ta' l-Artikolu 56 tal-Kodici Civili Taljan: *"Non può contrarre altre nozze chi è vincolato da precedente matrimonio (art. 56). Sinché il primo vincolo non sia risoluto per la morte dell'un coniuge, non può l'altro passare a seconde nozze."* Però mbaghad in vista ta' l-Artikolu 113 tal-Kodici Civili Taljan, l-istess awtur jikkummenta hekk: *"Sia pur illegale il matrimonio contratto innanzi all'annullamento del primo, la legge non consente che se ne dichiari la nullità, quando siasi pronunciato l'annullamento del primo matrimonio."* [8] (enfasi ta' din il-Qorti).

**14.** Minn dan jidher car li dawn l-awturi jffermaw li l-annullament ta' l-ewwel zwieg jikkonvalida t-tieni zwieg, li jkun gie kkuntrattat qabel gie gudizzjarjament dikjarat l-annullament ta' l-ewwel wiehed, ghaliex kemm fil-Kodici Civili Taljan kif ukoll f'dak Franciz, kien hemm disposizzjoni espressa u apposita li tippermetti lill-parti li tissolleva *in via di eccezione* in-nullità ta' l-ewwel zwieg. *A contrario sensu,* fin-nuqqas ta' tali disposizzjoni espressa, it-tieni zwieg kontrattat qabel l-annullament ta' l-ewwel zwieg, xorta kien jigi dikjarat null.

**15.** Issa fil-Kap. 255 ma nsibu l-ebda disposizzjoni analoga ghal dik ta' l-Artikolu 113 tal-Kodici Civili Taljan u l-Artikolu 189 tal-Kodici Civili Franciz. L-Artikolu 6 tal-

---

[6] **Principii di Diritto Civile**, Vallardi ed. (Napoli), 1879, Vol. 2

[7] **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile**, UTET (Torino), 1886, Vol. , p. 321-322, para. 199.

[8] *Op. cit.* pp. 490-491, para. 324.

Kap. 255 jipprovdi sempliciment u b'mod car u skjett li: *"Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel ikun null."* Jigi osservat li l-frazi *"zwieg iehor"* m'hi bl-ebda mod kwalifikata, per ezempju li z-zwieg l-iehor irid ikun validu. Huwa rilevanti li fil-kamp penali u fir-rigward ir-reat tal-bigamija, il-legislatur ghazel li jkun iktar restrittiv. Fil-fatt, l-Artikolu 196 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: *"Min mill-mizzewwgin, fil-waqt li jkun isehh zwieg legittimu, jaghmel zwieg iehor, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin."* (enfasi mizjuda). Ghalhekk, fil-kamp kriminali, il-legislatur ghazel li jikkwalifika l-ewwel zwieg bhala wiehed *"legittimu"*, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-sentenza taghha tas-16 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Olaf Cini.** Din il-kwalifika ma gietx ripetuta fl-Artikolu 6 tal-Kap. 255, u fin-nuqqas ta' disposizzjoni tal-ligi espressa ma tistax tigi eskogitata permezz ta' interpretazzjoni.

**16.** Konsegwentement, huwa sufficjenti ghall-fini tal-projbizzjoni kontemplata fl-Artikolu 6 tal-Kap. 255 li min jizzewweg ikun marbut *"bi zwieg iehor"* irrispettivament minn dikjarazzjonijiet gudizzjarji ta' validita o meno li jistghu jsiru wara li jkun gie kuntrattat it-tieni zwieg.

**17.** L-appellanti tissottometti li t-tezi taghha ghandha tipprevali ghaliex il-legislatur Malti ma addottax id-dicitura cara li nsibu fil-Kanone 1085(2) tal-Kodici Kanoniku (tal-1983) li jipprovdi illi:

"(1) A person bound by the bond of a previous marriage, even if not consummated, invalidly attempts marriage.
(2) Even though the previous marriage is invalid or for any reason dissolved, it is not thereby lawful to contract another marriage before the nullity or the dissolution of the previous one has been established lawfully and with certainty."[9]

Qabel xejn ghandu jigi osservat li l-Kanone 1085 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 huwa sostanzjalment l-istess

---

[9] Ara *nota in calce* nru 2, *supra.*

bhall-predecessur tieghu l-Kanone 1069 tal-Kodici Pio-Benedittin tal-1917[10] illi kien vigenti fi zmien l-ewwel u anke t-tieni zwieg kontrattat mill-konvenuta. L-Artikolu 1069(2) tal-1917 jew 1085(2) tal-1983 isahhu rispettivament il-Kanoni 1069(1) jew 1085(1) billi jghidu espressament dak li hu implicitu, u cioe□ li anke jekk l-ewwel zwieg kien invalidu xorta wiehed ma jistax jidhol ghal zwieg iehor minghajr ma l-awtorita□ ekklezjastika kompetenti tkun formalment iddikjarat n-nullita□ ta' l-ewwel zwieg. U dan in omagg ghall-presunzjoni tal-validita□ taz-zwieg, presunzjoni mehtiega fl-interess ta' l-ordni pubbliku. Kif jispjega l-kummentatur Thomas P. Doyle f'**The Code of Canon Law – A Text and Commentary**[11]:

"A case involving invalidity presents another set of circumstances. The marriage may be invalid, a fact of which one or both of the parties may be convinced, yet the canonical presumption of validity has not been objectively overturned and the declaration of nullity issued. The intervention of the competent authority is necessary for the good order of the community and, above all, for the stability of marriage. There always remains a chance that the prior marriage is valid in spite of the opinions of the parties about it."

**18.** Inoltre, dan l-argument ta' l-appellanti fuq il-Kanone 1085 ma jregix ghaliex il-fatt li l-legislatur Malti ma addottax espressament id-dicitura tal-Kodici Kanoniku ma jfissirx li huwa ried li jaddotta l-posizzjoni opposta taht il-Kodici Civili Taljan u Franciz fejn in-nullita□ komminata mill-Artikolu 6 setghet tigi sanata minn dikjarazzjoni gudizzjarja tan-nullita□ ta' l-ewwel zwieg, ghax f'dak il-kaz kien ikun necessarju li, se mai, jippromulga disposizzjoni apposita kif ghamlu l-legislatur Taljan u dak Franciz.

**19.** Fid-dawl ta' dan kollu, hu evidenti ghal din il-Qorti li l-legislatur Malti ghazel li fil-kamp civili l-validità o meno tat-tieni zwieg ma tigix maghmula tiddependi fuq xi

[10] L-unika differenza hi li fil-versjoni tal-1983 giet soppressa l-espressjoni "salvo privilegio fidei".
[11] Canon Law Society of America (1985), p. 767.

avveniment li jista' jsehh fil-futur. Ai termini ta' l-Artikoli 6 u 18(b) tal-Kap. 255, il-kapacità tal-partijiet trid tezisti fil-mument meta jinghata l-kunsens taz-zwieg u ma tistax tigi "sanata" b'xi avveniment li jsehh wara z-zwieg. Ghaldaqstant, sakemm zwieg ma jigix annullat b'sentenza, dak iz-zwieg jibqa' jikkostitwixxi impediment ghall-kontrattazzjoni ta' zwieg iehor.

**20.** Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-appellanti qed jigu michuda. U fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma huwiex necessarju li din il-Qorti tidhol biex tezamina t-tielet aggravju ta' l-appellanti.

**<u>Decide</u>**

**21.** Ghall-motivi premessi – u, ghalhekk, mhux neccessarjament ghar-ragunijiet espressi fis-sentenza appellata – l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u d-decizjoni kontenuta fis-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati interament mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------